MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1945/2002

**D.M.S. Import/Export Co. Ltd**

**vs**

**John u Mary Carmen konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ Lm298.05c (mitejn u tmienja u disghin lira Maltin u hames centezmi) minghajr imghax u spejjez dovuti ghal merkanzija ordnati mill-intimati konvenuti liema merkanzija giet lilhom fornuta, liema merkanzija tikkonsisti f’oggetti tal-ikel u tindif fornuti lill-intimati f’Aussie Store – Ghaxaq, kif ordnati minnhom u lilhom ikkonsenjata, bilanc minn somma akbar skond kif jigi mfisser fil-mori tal-kawza.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema’ lill-Dr Claudine Galea tikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm298.05c (mitejn u tmienja u disghin lira Maltin u hames centezmi) rapprezentanti merkanzija ordnati mill-konvenuti, lilhom ikkonsenjata izda mhux imhallsa.
.
Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**